KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.07.2005
KUMM(2005) 353 finali

2005/0141 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-relazzjonijiet ta' l-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kienu tradizzjonalment immexxija minn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, l-Annessi tagħhom u arranġamenti oħra relatati, kemm bilaterali kif ukoll multilaterali.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-każijiet C-466/98, C-466/98, C-467/98, C-468/98, C-471/98, C-472/98 u C-475/98 u C-476/98, il-Komunità għandha l-kompetenza esklussiva f'dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti varji ta' l-avjazzjoni esterna. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll id-dritt tal-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jgawdu mid-dritt li jistabbilixxu ruħhom fil-Komunità, inkluż id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għas-suq.

Il-klawżoli tad-dežinjazzjoni tradizzjonali fi ftehim bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu l-lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li kienet ġiet iddežinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex proprjetà sostanzjali ta' u kontrollata effettivament minn Stat Membru jew miċ-ċittadini tagħha. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji ta' l-ajru li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, jkunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom b'mod ħieles, l-istess trattament fl-Istat Membru li jilqagħhom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni f'Ġunju ta' l-2003 biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.[1]

Fi qbil mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mas-Serbja u Montenegro li jieħu post ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti bejn l-Istati Membri u s-Serbja u Montenegro. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli ta' dežinjazzjoni tradizzjonali bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lill-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim jirrisolvu żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet tal-kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 4 jittratta t-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni, kwistjoni li ġiet armonizzata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirristruttura il-qafas ta' ħidma Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku, partikolarment l-Artikolu 14 tal-paragrafu 2 tiegħu. L-Artikolu 5 (Tariffi) isolvi kunflitti bejn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li jipprojbixxu kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fuq is-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr magħmul kollu kemm hu fil-Komunità.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument riservat)

Il-Kunsill huwa mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja u dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirma/jiffirmaw il-ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [2],

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju ta' l-2003 tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mas-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-ftehim negozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat proviżorjament.

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

1. Suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-ftehim għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-partijiet innotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8.2 tal-ftehim.

---

[2] ĠU C [...], [...], p. [...].

3. It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

2005/0141 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tiegħu u l-Artikolu 300, paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, ,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju ta' l-2003 tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mas-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Dan il-ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi [...] suġġett għal konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-deċiżjoni .../.../KE tal-Kunsill fi [...]5

(4) Dan il-ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizz ta' l-ajru huwa approvat f'isem il-Komunità.

---

[3] ĠU C [...], [...], p. [...].
[4] ĠU C [...], [...], p. [...].
[5] ĠU C [...], [...], p. [...].

2. It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-president tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8.1 tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIMbejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegrodwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa waħda, u

is-SERBJA U MONTENEGRO

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

INNUTAW li ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru ġew konklużi bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja,

INNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

INNUTAW li taħt il-liġi Komunitarja Ewropea kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għal rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu sehem f'kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

GĦARFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet għal servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, iridu jinġiebu f'konformità sħiħa ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro u biex tiġi ppreservata l-kontinwità ta' dawn servizzi ta' l-ajru,

INNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro, biex jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru tas-Serbja u Montenegro, jew biex jiġu negozjati emendi għad-dispożizzjonijiet li diġà jeżistu ta' ftehim bilaterali għal servizzi ta' l-ajru dwar drittijiet tat-traffiku.

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-għanjiet ta' dan il-Ftehim, 'Stati Membri' ser tfisser Stati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim jinftiehmu bħala li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għall-kumpaniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim jinftiehmu bħala li qed jirreferu għall-kumpaniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru dežinjati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2
Nomina minn Stat Membru:

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dežinjazzjoni tal-kumpaniji ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi tiegħu mogħtija mis-Serbja u Montenegro, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tal-kumpaniji ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi dežinjazzjoni mingħand Stat Membru, is-Serbja u Montenegro għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali, pprovdut li:

   i. il-kumpanija ta' l-ajru hija stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru dežinjat taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u li għandu Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea;

   ii. jiġi eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità aeronawtika rilevanti tkun identifikata biċ-ċar fid-dežinjazzjoni; kif ukoll

   iii. il-kumpanija ta' l-ajru hija proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, u kkontrollata effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra.

3. Is-Serbja u Montenegro tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija ta' l-ajru minn Stat Membru f'każ li:

   i. il-kumpanija ta' l-ajru mhijiex stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru dežinjat taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew li m'għandux Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea; jew

   ii. ma jiġix eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità aeronawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-dežinjazzjoni; jew

   iii. il-kumpanija ta' l-ajru hija proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, u kkontrollata effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini

ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra.

Waqt li qed teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, is-Serbja u Montenegro ma għandhiex tiddiskrimina bejn kumpaniji ta' l-ajru fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

Artikolu 3
Drittijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll regolatorju

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Meta Stat Membru ddeżinja kumpanija ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tas-Serbja u Montenegro taħt id-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja l-kumpanija ta' l-ajru u s-Serbja u Montenegro għandu japplika b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' standards ta' sikurezza mill-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni għat-tħaddim ta' dik il-kumpanija ta' l-ajru.

Artikolu 4
It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2(d) ma jżomm Stat Membru jew s-Serbja u Montenegro milli jimponu fuq bażi mhux diskriminatorja taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorji rispettivi tagħhom għall-użu f'inġenju ta' l-ajru ta' kumpanija ta' l-ajru ddeżinjata ta' Stat Membru jew tas-Serbja u Montenegro li topera bejn żewġ punti fit-territorji rispettivi tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 5
Tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(e).

2. It-tariffi li jiġu imposti mill-kumpanija/i ta' l-ajru dežinjata/i mis-Serbja u Montenegro permezz ta' ftehim elenkat fl-Anness 1 li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu fil-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 6
Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 7
Reviżjoni jew emenda

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ġew kompluti.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet qablu biex japplikaw b'mod provviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri u s-Serbja u Montenegro li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ma kinux daħlu fis-seħħ u li mhumiex qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness 1(b). Dan il-Ftehim japplika għal kull ftehim u arranġament ta' dan it-tip mad-dħul fis-seħħ jew applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Artikolu 9
Tmiem

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim elenkat fl-Anness 1 konċernat jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XIEHDA TA' DAN, il-firmatarji hawn taħt, bl-awtorizzazzjoni meħtieġa, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [....] b'żewġ kopji, fi [...] jum ta' [..., ...] fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, , Taljana, Ungeriża, Żvediża u Serba. F'każ ta' diverġenza, it-test Ingliż għandu jgħodd l-aktar fost it-testi bil-lingwi l-oħra.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA, GĦAS-SERBJA U MONTENEGRO

Anness 1

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet tas-servizzi ta' l-ajru bejn s-Serbja u Montenegro u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati provviżorjament

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **ir-Repubblika ta' l-Awstrija u ir-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja,** iffirmat fi Vjenna fil-11 ta' Novembru 1953, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-1953" fl-Anness 2;

Għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Vjenna fit-12 ta' Ottubru 1994.

– Ftehim bejn **ir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja** dwar is-servizzi ta' l-ajru**,** iffirmat f'Belgrad fl-24 ta' Settembru 1957, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Belġju" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Gvern tar-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Nikosija fis-27 ta' Frar 1976, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-1976" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **ir-Repubblika Ċekoslovakka u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fit-28 ta' Frar 1956, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Ċeka" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fit-23 ta' Marzu 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Franza" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja,** dwar is-Servizzi ta' l-Ajru, iffirmat f'Belgrad fit-18 ta' Jannar 1968, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Finlandja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fl-10 ta' April 1957, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-1957 " fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,** inizjalat u applikat provviżorjament bil-Protokoll tal-31 ta' Mejju 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-2001" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fid-9 ta' Mejju 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Greċja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **ir-Repubblika Popolari ta' l-Ungerija u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fil-21 ta' Lulju 1956, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Ungerija" fl-Anness 2;

Emendat b'nota magħmula minn Budapest fit-30 ta' Mejju 1964,

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim iffirmat fi Vjenna fil-9 ta' Frar 1995.

– Ftehim bejn **il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja** dwar it-Trasport bl-Ajru**,** iffirmat f'Belgrad fid-9 ta' April 1960, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Lussemburgu" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Ruma fil-5 ta' Frar 1975, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Malta" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja** dwar is-servizzi ta' l-ajru skedati**,** iffirmat f'Belgrad fit-13 ta' Marzu 1957, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Olanda" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **ir-Repubblika Popolari tal-Polonja u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Varsavja fl-14 ta' Novembru 1955, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-1955 " fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tal-Portugall u l-Gvern tar-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fit-3 ta' Ġunju 1976, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Portugall" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovakkja u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Bratislava fit-3 ta' Ottubru 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il Ftehim Serbja u Montenegro - Slovakkja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **ir-Renju ta' l-Iżvezja u r-Repubblika Federali Popolari tal-Jugoslavja,** iffirmat f'Belgrad fit-18 ta' April 1958, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Żvezja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-**Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja**, inizjalat f'Londra fis-17 ta' Diċembru 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ, "il-Ftehim Serbja u Montenegro-Renju Unit" fl-Anness 2;

(b) Ftehimiet tas-servizz ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn is-Serbja u Montenegro u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati provviżorjament

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern Federali Awstrijak u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, inizjalat fi Vjenna** fl-14 ta' Novembru 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-2001" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,** inizjalat f'Nikosija fit-18 ta' Ġunju 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-2002" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tal-Polonja u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,** inizjalat f'Varsavja fis-17 ta' Mejju 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-2002" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern Federali tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja,** inizjalat f'Belgrad fit-12 ta' Ottubru 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il Ftehim Serbja u Montenegro-Slovenja" fl-Anness 2;

ANNESS 2

Lista ta' l-Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Nomina minn Stat Membru:

– L-Artikolu 2 tal-Ftehim Serbja Montenegro-Awstrija ta’ l-1953;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta’ l-2001;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Franza;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta’ l-1957;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta’ l-2001;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Sebja u Montenegro-Greċja;

– L-Artikolu 1 ta’ l-Appendiċi tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ungerija;

– L-Artikolu 2 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Lussemburgu;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Malta;

– L-Artikolu 2 tas-Serbja u Montenegro-Polonja ta’ l-1955;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta’ l-2002;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Slovakka;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Slovenja;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Renju Unit;

(b) Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi:

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta’ l-1953;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta’ l-2001;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Belġju;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta’ l-1976;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta’ l-2002;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Finlandja;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Franza;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta’ l-1957;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-2001;

– L-Artikolu 4, it-2 paragrafu tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Greċja;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Lussemburgu;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Malta;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Olanda;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-2002;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Portugall;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Slovenja;

– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Żvezja;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Renju Unit;

(c) Sikurezza:

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-2001;

– L-Artikolu 15 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-2002;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-2001;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Greċja;

– L-Artikolu 15 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-2002;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Slovenja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Renju Unit;

(d) It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni:

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-1953;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-2001;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Belġju;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-1976;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-2002;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Finlandja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Franza;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Serbja u Montenegro–Ġermanja ta'l-1957;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-2001;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Greċja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ungerija;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Lussemburgu;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Malta;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Olanda;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-1955;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-2002;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Portugall;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Slovenja;

– L- Artikolu 8 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Żvezja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Renju Unit;

(e) Tariffi għall-ġarr fil-Komunità Ewropea:

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-1953;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Awstrija ta' l-2001;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Belġju;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-1976;

– L-Artikolu 17 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ċipru ta' l-2002;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Finlandja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Franza;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-1957;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Ġermanja ta' l-2001;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Greċja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Lussemburgu;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Malta;

– L-Artikolu 7, it-2 paragrafu tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Olanda;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-1955;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Polonja ta' l-2002;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Portugall;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Slovenja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Żvezja;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Serbja u Montenegro-Renju Unit;

Anness 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) **Ir-Repubblika ta' l-Iżlanda** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) **Il-Prinċipat tal-Liechtenstein** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) **Ir-Renju tan-Norveġja** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) **Il-Konfederazzjoni Żvizzera** (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).